**29 ta' Mejju 1967.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Emmanuele Cassar pro. et. noe

*versus*

Gerald Azzopardi pro et noe.

**Legatarju — Taxxa tas-Suċċessjoni — Taxxa fuq l-Assi — Ħlas ta'.**

*Il-legatarju hu obbligat jirrifondi lill-eredi, fil-proporzjon li jkun ibbenefika, mhux biss it-taxxa tas-suċċessjoni dovuta fuq dak il-legat imma anke it-taxxa fuq l-assi tad-decujus.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina, li bih l-attur proprio et nomine — peress li George Cassar, ziju tal-in-

stanti, b'testment fl-atti ta' Nutar Victor Bisazza tat-30 ta' Diċembru, 1962, ħalla lill-istanti propriu et nomine u lil ħutu l-oħra legat mitejn lira (£200.0. 0.) kull wieħed; u fuq dan il-legat il-legatarji għandhom iħallsu taxxa ta' sebgħa fil-mija (7 per cent); peress li l-konvenut ried inaqqsilhom, oltre din it-taxxa, taxxa oħra tal-erbgħa fil-mija fuq l-assi ta' George Cassar u peress li l-instanti u ħutu aċċettaw li jirċievu s-somma lilhom offerta mill-konvenut, però dan għamluh mingħajr preġudizju, li jaġixxu quddiem din il-Qorti, biex jiġi dikjarat liema taxxa għandhom iħallsu; previa kwalunkwe opportuna dikjarazzjoni u meħud kwalunkwe provvediment opportun — talab li għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi dikjarat u deċis li l-instanti proprio et nomine għandu jħallas biss taxxa ta' seba' fil-mija fuq il-legat lilu mħolli minn George Cassar u mħolli lill-ħutu, u mhux tal-ħdax fil-mija; bl-ispejjes kontra l-konvenut u salva kwalunkwe azjoni għar-ripetizzjoni tal-indebitu li żamm f'idejh il-konvenut u għall-imgħax li għaddew, fuq il-legat mill-ġurata tal-mewt sal-ġurnata tal-pagament;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' konvenut proprio et nomine li qal li d-domandi huma infondati billi s-somma ta' £200 kull wieħed oġġett tal-legat tal-atturi kienet tifforma parti mill-assi ta' George Cassar u għalhekk kienet soġġetta għat-taxxa fuq l-assi u l-eċċipjenti li ħallas din it-taxxa kellu d-dritt tar-rifużjoni relativa minn għand l-atturi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Frar, 1967 li biha ċaħdet it-talba ta' l-attur proprio et nomine bl-ispejjes, wara li kkunsidrat; —

Omissis

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi u l-petizzjoni tagħhom

li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata u t-talba tagħhom tiġi milqugħa bl-ispejjes taż-żewġ istanzi.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi dik is-sentenza hi ġusta u tisthoqq konferma bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat —

L-ilmenti ta' l-appellanti kif esposti fil-petizzjoni ta' l-appell u fit-trattazzjoni orali, huma, illi skond l-artikolu 58 ta' l-Ordinanza in Kwistjoni, it-taxxa fuq l-assi hi dejn li għandu jitħallas mill-werrieta u mhux mil-legatarji: u, skond l-artikolu 71 (c), mill-valur tal-ħwejjeġ kollha, mobbli u immobbli (art. 68) irid jitnaqqas il-valur tal-legati li fuqhom it-taxxa jmissha titħallas mil-legatarji. Dan jfisser — jgħidu l-appellanti — illi l-legat hu konsidrat bħala debitu u kwindi fuq l-ammont tiegħu l-appellat ma ħallasx taxxa, la taxxa fuq l-assi u lanqas taxxa tas-suċċessjoni.

Fil-fehma tal-Qorti dawn l-ilmenti m'humiex ġustifikati;

Għalkemm huwa veru illi skond l-artikolu 58 "estate duty is a debt payable by the heirs who shall be jointly and severall liable thereto", dak l-artikolu jkompli jgħid, immedjatament wara, "saving the right of the heir paying the duty to re-imbursement **from *the other persons liable thereto*** in proportion to their succession interest **in the estate**..."

Jiġi osservat illi l-liġi ma tgħidx illi d-dritt għar-rimbors hu mogħti lill-werriet, li jkun ħallas it-taxxa fuq l-assi, **kontra l-werrieta l-oħra**, imma tgħid kontra **persuni oħra** tenuti għat-taxxa (fit-test Malti "id-debituri l-oħra"). It-test

taljan antik ta' l-artikolu 56 kien jgħid:

> "Il pagamento dell'imposto sull'asse sarà esigibile dagli eredi, i quali vi saranno tenuti solidalmente, salvo il regresso di colui che avesse pagato contro altre persone in proporzione al loro interesse successorio nell'asse ereditario."

L-użu ta' dan il-kliem fil-formulazzjoni tal-liġi, mhux aċċidentali jew bla importanza. Ir-rifusjoni hi mogħtija kontra l-persuni l-oħra interessati fl-assi u mhux biss kontra l-werrieta l-oħra, appuntu għaliex kull min jibbenefika mill-assi, sew jekk b'titolu universali bħala werriet kemm jekk b'titolu partikolari bħala legatarju, għandu jbati sehem mit-taxxa fuq l-assi in proporzjon ta' l-interess tiegħu suċċessorju fl-assi. Di fronti għall-Erarju huma responsabbli għall-ħlas l-eredi solidalment; iżda dan hu bla ħsara, fir-relazzjonijiet interni bejn il-benefiċjati bejniethom li kull wieħed ibati s-sehem proporzjonali tiegħu.

Mhux korrett dak li jgħidu l-appellanti illi l-appellat, bħala esekutur testamentarju u f'isem il-werrieta, ma ħallasx taxxa fuq l-assi, fuq il-valur tal-legati. L-artikolu 77, ċitat minnhom għandu x'jaqsam mhux mat-taxxa fuq l-assi imma mat-taxxa tas-suċċessjoni. Hu naturali illi, għall-finijiet tal-likwidazzjoni tat-taxxa tas-suċċessjoni li għandha titħallas mill-werrieta, bħala taxxa oħra diversa mit-taxxa fuq l-assi, jitnaqqas il-valur tal-legati imħollijin lil ħaddieħor. Minn dawn il-legati il-werrieta ma jibbenefikawx u għalhekk ċertament ma jħallsux taxxa tas-suċċessjoni fuqhom; inveċe jibbenefikaw il-legatarji u għalkemm fuqhom huma jħallsu it-taxxa tal-legati; salva dejjem anki hawn fir-relazzjonijiet ma l-Erarju, ir-responsabbilita għall-ħlas da parti ta' l-eredi.

Mill-bqija din il-Qorti ma jidhriliex li tista' żżid xejn utili ma l-analisi ċara u perspikaċi tal-liġi magħmula mill-ewwel Onorabbli Qorti. Il-fatt, fil-qosor, hu illi, kif il-werrieta oltre li jħallsu t-taxxa tas-suċċessjoni, ibatu ukoll is-sehem proporzjonali tagħhom mit-taxxa fuq l-assi; hekk ukoll il-legatarju, ibatu sehem proporzjonali ta' din l-aħħar taxxa oltre li jħallsu it-taxxa tal-legati.

Għall-legatarju dan jista' ċertament ikun gravuż — kif osservaw l-appellanti — meta il-legat hu żgħir mentri l-assi hu kbir ħafna u l-perċentwali tat-taxxa fuq l-assi tkun għal għalhekk għolja. Iżda l-ewwelnett, jekk din tkun l-intenzjoni jew ix-xewqa ta' testatur, hu dejjem jista jiddisponi jekk irid, illi l-legat jitħallas eżenti mit-taxxi; Fit-tieni lok kieku t-taxxa fuq l-assi kellha tiġi sopportata interament mill-werrieta biss, il-posizzjoni tista tkun gravuża għalihom jekk it-testatur jiddisponi mill-maġġor parti ta' l-assi tiegħu permezz ta' legati, kif jista.

Kif irrileva l-appellat, anki d-donatarju, fil-każ ta' donazzjonijiet "inter vivos", iħallas żewġ taxxi skond l-artikoli 99 u 103 ta' l-imsemmija Ordinanza.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanti.